Kunsill Lokali San Ġiljan

# Rapport Amministrattiv 2025



## Sena 2025

Qiegħed nippreżenta rapport dwar l-andament tal-Kunsill kif ukoll jagħti ħarsa lejn il-ħidma u l-operat tal-Kunsill matul is-sena mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.

Ir-rapport iħares lejn il-ħidma ta' disa' legislazzjoni.

Għalhekk dan ir-rapport ser ikun qiegħed jagħti ħarsa lejn l-attivitajiet ewlenin ta' matul is-sena kif ukoll il-pjan ta' ħidma għas-sena 2026. Dan skond Artiklu 70 ta' l-Att XV ta' l-1993 - Att dwar Kunsilli Lokali.

## 1. Il-Kunsill

**1.1** Matul is sena 2025 kienet l-ghaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali San Giljan .L-attendenza tal-membri għal-laqgħat tal-Kunsill mehmuz ma' dan ir-rapport u l-Kunsill kien maghmul hekk.

**1.2** Waqt laqgha tal-Kunsill inghataw responsabilitajiet u zoni lill-membri tal-Kunsill 01/07/2024 – 30/06/2029. L-attendenza tal-membri għal-laqgħat tal-Kunsill mehmuz ma' dan ir-rapport. Dan il-Kunsill huwa kompost kif gej:

Is-Sindku Guido Dalli huwa *ex-uffiċċjo* fuq ir-responsabilitajiet mogħtija lill-Kunsilliera kollha.

| ***Karriga*** | ***Isem*** | | ***Responsabilta*** | ***Zona*** |
|---|---|---|---|---|
| Is- Sindku | Guido Dalli | - | *It-Tmexxija tal-Kunsill, l-fondi mill-EU, Progetti attwali, gonna pubblici, rapprezentant fir-Regjun, rapprezentat fil-Paceville Towns Committee, Kultura, l-Ghaqdiet u Indafa Pubblika taz-zona 1* | *Zona 1 – Paceville u The Gardens* |
| Il-Viċi Sindku | Sean Gauci | - | *Midja / PRO, Buon Ordni u Indafa Pubblika ghaz-zona 2* | *Zona 2: The Village - Triq Claire E Engel, Triq il-Bahar l-Iswed, Triq il-Mediterran, Triq John Buontempo, Triq Michel 'Ang Cagiano, Triq il-Baltiku, Triq Bonanno, Triq ta' Marmora.* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Il-Kunsiller | Mario Amaira | - | *Wirt Kulturali, Infrastruttura, Bajjier, Promenade (Triq Gorg Borg Olivier) u Indafa Pubblika ta Zona 3* | *Zona 3 - Triq San Gorg, Triq Ross, Triq Francis Zammit, Triq il-Qaliet,Triq il-Mensija, Triq Forrest, Triq Wied Ghomor, Triq Spinola, Pjazza Qalb ta' Gesu, Triq Mikiel'Ang Borg, Triq Gorg Borg Olivier* |
| Il-Kunsiller | David Caruana | - | *Sports, Edukazzjoni fizika u Indafa Pubblika ghal Zona 4* | *Zona 4 - Ta' Giorni Housing Estate, Triq ta' Giorni, Triq il-Fraxxnu, Triq Nicholas Monserrat, Triq il-Fagu.* |
| Il-Kunsiller | Gabriel Borg Ferrando | - | *Zaghzagh, Micromobility u Indafa Pubblika ghal Zona 5* | *Zona 5 – Triq Dun Guzepp Xerri, Triq il-Klarissi, Triq Furtu Selvatico, Triq Zammit Clapp, Parti minn Triq il-Qalb Imqaddsa.* |
| Il-Kunsiller | Victor Vella | - | *Permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, Ambjent u Indafa Pubblika ghaz-Zona 6* | *Zona 6 - Triq il-Kbira, Triq Sant'Elija, Triq Sant'Anglu, Triq il-Karmnu, Triq Lapsi, Triq San Mark, Triq San Mikiel, Telghet Birkirkara, Triq il-Bajja,Trejqet il-Bajja,Triq Angelo Pullicino.* |
| Il-Kunsillera | Patricia Camilleri | - | *Bidla u Innovazzjoni, Edukazzjoni, Politika Socjali, Integrazzjoni Socjali u Indafa Pubblika ghaz-Zona 7* | *Zona 7 - Triq Bonavita, Parti minn Triq Qalb Imqaddsa, Triq Dun Anton Debono, Sqaq Imrabbat, Triq* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | *il-Ballut,Triq il-Blue Sisters, Triq is-Sorijiet, Triq Birkirkara, Triq Sir Joseph Carbone, Triq l-Arcisqof Romero, Triq Profs. Debono.* |
| Il-Kunsiller | Rita Dimech Portelli | - | *Sahha pubblika, kura tal-annimali, Anzjani u Indafa Pubblika ghaz-zona 8* | *Zona 8 -Triq Censu Tabone, Tarag Attard Kingswell, Pjazza Balluta, Triq is-Sur Fons, Triq il-Karmelitani, Triq Scicluna, P/O Triq Manuel Dimech, Triq ir-Rampa ta' San Giljan, Telghet San Giljan.* |
| Il-Kunsillier | Carlo Mifsud | - | *Komunita Kummercjali, Turizmu u Indafa Pubblika ghaz-zona 9* | *Zona 9 – Triq Patrick Brydone, Sqaq is-Sigra u Triq Henry Calleja* |

**1.3** L-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ għall-pubbliku kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa kif ukoll is-Sibt filgħodu. Filwaqt li jsir ix-xogħol Amministrattiv kollu mill-Uffiċċju issir ukoll ħrug ta' permessi, ħlas ta' kontravenzjonijiet, servizz ta' għajnuna liċ-ċittadini għal diversi dipartimenti tal-gvern u servizz ta' customer care, fost l-oħrajn.

## 2.1 Ilmenti / Korrispondenza

Mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 il-Kunsill baghat kif ukoll rcieva ammont kbir ta' ittri kif ukoll emails. Il-Kunsill jista jircievi l-ilmenti kemm permezz tal-posta, permezz tal-posta eletronika, bil-*whats app* kif ukoll permezz tal-Midja Socjali.

## 2.2 Ħruġ ta' Permessi

Il-Kunsill joħroġ il-permessi skond l-Avviz Legali 119/2002, dan jinkludi permessi għall-krenijiet, divertiment okkażjonali, qtugħ ta' wiċċ ta' triq, tqegħid ta' posta jew kiosks, u permessi oħrajn. Mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025, ġew ipproċessati hames t'elef, hames mija u tlieta u hamis permess (5553)

## 2.3 Facebook u Social Media

Il-Kunsill għandu l-paġna tiegħu fuq Facebook kif ukoll il-website ufficcjali li dawn it-tnejn jigu aġġornati kontinwament.

### 3.1 Xogħolijiet varji li saru:-

- Sar xogħol ta' *patching* fil-lokalita' kollha. Saru tiswijiet inġenerali fit-toroq u fuq il-bankini, inbidlu diversi kaptelli minn fuq il-bankini li ġew imkissra minħabba li vetturi jitilgħu fuq dawn il-bankini. Fejn kien hemm il-bżonn tpoġġew *hand railings, crash barriers* jew *bollards*. Kontinwament isiru t-tabelli u sinjali tat-toroq ġodda, jerġgħu isiru dawk it-tabelli li jiġu vandalizzati kif ukoll issir manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-toroq li jmorru bl-użu eċċessiv, dan bħal *zebra crossings, parking bays* u marki tat-toroq oħra;
- Saru jew inbiddlu tabelli ta' l-ismijiet ta' toroq ;
- Sar manutenzjoni tad-dawl f'diversi toroq;
- Gew nstallati numri ta' lampi godda fil-lokalita' ;
- Sar tindif u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita' kollha;
- Ġew irranġati diversi bankini fil-lokalita';
- Ġew irranġati diversi spralli tal-ħadid tal-culverts, kif ukoll ġew imnaddfa l-culverts;
- Ġie mnaddaf Xatt is-Sajjieda;
- Flimkien ma' diversi kumpaniji ġew organiżżati *Clean Up Days* f'ċertu żoni f'San Ġiljan;
- Twaħħlu bins ġodda f'diversi postijiet ġewwa San Ġiljan kif ukoll f'Paceville;
- Twaħħlu diversi Dogs Bins f'diversi nħawi ġewwa San Ġiljan
- Sar xogħol ta' *resurfacing* fi Telghet Birkirkara u parti minn Triq San Mark ;
- Saru diversi xogholijiet ta' manutenzjoni tat-tarmac f'diversi toroq skond il-bzonn ;
- Tlesta x-xoghol u nfetah il-Gnien Saver Zarb;
- Sar xoghol ta' tindif tal-funtana tal-Pjazza ta-Balluta b'mod regorali kif ukoll manutenzjoni;
- Zidna iktar pjanti, arbuxella u fjuri madwar il-lokalita;
- Inbidlu xi sigar mal-promenade peress li kienu saru xi atti vandalici ;
- Hasil ta' diversi toroq, pjazzez u turgien madwar il-lokalita uhid minnhom bil-power wash;
- Gew nstallati diversi deflibrilators fil-lokalita;

- Intbagħatu diversi ittri lir-residenti tal-lokalita' skond il-htiega;
- Ser isir xoghol ta' pavimentar fi Triq il-Karmnu;
- Gew nstalati diversi *rat traps* fil-lokalita;
- Twahhlu diversi tabelli mal-lokalita biex ma jitghux skart f'certi punti u biex jingabar il-hmieg tal-klieb ;

## 3.2 Xogħolijiet varji li huma pendenti jew qed isiru

- Intbagħtet ittra lil-Faces dwar Bus Shelters ġodda;
- xoghol ta' tindif tal-funtana tal-Pjazza ta-Balluta b'mod regorali kif ukoll manutenzjoni;
- Ser isir xogħol ta tisbieħ fi Ġnien Spinola, fejn qed jinbidlu is-sistema tad-dawl, tisbieħ ta turġien, kif ukoll xogħol fuq l-amara;
- Tisqija ta' kuljum tal-pjanti tal-promenade kif ukoll diversi pjanti ohra madwar il-lokalita' ;
- Jsir tindif regolari tal-Gonna u l-Pjazzez tal-lokalita';
- Ghaddejien diversi xogholijiet ta' resurfacing tat-toroq ta' Paceville;
- Qed jigu mibdula l-*manhole covers* ta fuq il-bankini biex minn plastik qed issiru tal-hadid ;
- Qed jigu mibdula il-fanali bl-arbli kollha minn Xatt is-Sajjieda sal-Balluta ;
- Beda jsir il-process biex jinhargu 2 bye-laws godda;

## 3.3 Ismijiet tat-Toroq

Il-Kunsill qieghed fil-process li jaghti isem ghal zewg sqaqien ; wiehed bejn Triq iz-Zebbug u Triq il-Mensija u l-iehor bejn Triq il-Mensija u Triq Wied Ghomor kif ukoll it-triq li bhalissa tinsab bla isem li minn Triq Sant'Andrija taghti ghal Triq Santu Wistin.

Saret kjarifika ta' estensjoni ta' Triq is-Sorijiet kif ukoll ta' Triq Sir Joseph Carbone.

Parti minn Triq Sir Joseph Carbone li tibda minn kantuniera ma Triq Birkirkara u tispicca kantuniera ma Triq Sir Joseph Carbone issemmiet Triq Edward De Bono, filwaqt li t-triq minghajr isem ufficjalili tibda minn kantuniera ma Triq Profs. Walter Ganado, Pemroke u tispicca kantuniera ma Xatt ta' San Gorg, San Giljan sar inghatat l-isme Triq Joseph Zammit.

Il-Kunsill kien ppropona li jinbidel l-isem ta' Triq it-Tamal ghal Triq Karl Gouder, madanakollu din it-talba ma gietx accettata.

## 4.1 European Cities Against Drugs (ECAD)

Il-Kunsill huwa membru tal-ECAD.

## 4.2 Turiżmu

San Ġiljan huwa post turistiku u għalhekk it-turiżmu huwa wieħed mis-sorsi ewlenin għall-għejxien ta' ħafna familji. Għalhekk nżammew diversi laqgħat ma' uffiċċjali tal-*Malta Tourism Authority* fejn ġew diskussi xogħolijiet u azzjonijiet li kien hemm bżonn jittieħdu ġewwa San Ġiljan. Ippartecipajna wkoll f'seminars organizzati mill-MHRA u ghaqdiet ohrajn.

Il-Kunsill huwa rappreżentat ukoll fil-*Town Centre Management* ta' Paceville

Saru ukoll taħdidiet ma' diversi awtoritajiet oħra fuq iż-żona ta' Paceville fosthom il-Pulizija sabiex ikun hemm aktar sigurta, kif ukoll mal-*Cleansing Services Directorate* li qed joffru s-servizz ta' tindif addizzjonali f'żoni turistiċi.

Il-Malta Tourism Authority tagħtna wkoll għajnuna finanzjarja sabiex jiġu mżejjna mid-dawl tal-Milied diversi toroq f'Paceville.

## 4.3 Blue Flag Status

Il-Bajja ta' San Ġorġ għandha il-Blue Flag Status u tiġi mmaniġjata mill-MTA. Matul din is-sena l-MTA ħadu ħsieb ukoll il-Bajja tal-Balluta billi regghu ziedu ramel u facilitajiet oħra.

## 4.4 Purple Flag Status

Paceveille Tourism Zones Committee flimkien mal-Kunsill Lokali San Giljan rnexxilu jġib l-istatus ta' eċċellenza ta' Purple Flag ghal Paceville kif ukoll ghal parti kbira minn San Giljan mill- Association of Town and City Management (ACTM), UK.

## 4.5 Infurzar tal-Liġi

Wara li f'Ottubru 2016, is-sistema ta' infurzar tal-liġi (tal-Local Wardens) għaddiet għand l-Aġenzija tal-Gvern, jidher li matul din is-sena kien hemm kambjament għal aħjar u jidher li qed jkun hemm aktar ko-ordinament bejn il-Kunsill u l-LESA.

Matul is-sena jkun hawn ukoll f'San Giljan erba' *Community Police* sabiex jkunu iktar qrib ir-residenti.

## 4.6 Edukazzjoni

Il-Kunsill qed joffri ssapport tiegħu lill-Kulleġġ Santa Klara għal diversi programmi.

## 4.7 Bring-In Sites

Il-Kunsill neħħa l-Bring in Sites kollha mil-lokalita' ta' San Ġiljan u ħalla biss dawk ta' Triq il-Baltiku. Din id-deċiżjoni kienet ittieħdet minħabba l-ammont kbir ta' abbuż li kien qed issir. Dawn il-kontenituri huma tat-tip inteliġenti fejn għandhom sistema li tagħraf meta jkunu mimlija.

## 4.8 Ġemellaġġ

Il-Kunsill għandu ġemellaġġ ma' Kunsentmikluz ġewwa l-Ungerija u matul din is-sena raprezentanti tal-Kunsill marru hemmhekk f'Marzu kif ukoll f'Settembru filwaqt li raprezentanti tal-Kunsill ta' Kunsentmikluz gew Malta f'Ottubru.

## 4.9 Skema ta' Ġbir ta' Skart Separat

Il-Kunsill għandu ftehim mal-kumpanija GreenPak rigward l-iskema ta' ġbir ta' skart separat.

Għal sena oħra konsekuttiva, qed jitqassmu il-boroż għal-iskart organiku.

## 4.10 Kunsill Lokali Żgħażagħ

S'issa għadu qatt ma' twaqqaf dan il-Kumitat, kif ukoll m'għandiex rappreżentat ta' l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

## 4.11 Kunsill Lokali tat-tfal

Matul din is-sena beda joppera Kunsill tat-tfal. Dawn ikollhom laqgha darba fix-xahar gewwa l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill. Tfal ta' bejn is-6 u 16 -il sena jistghu japplikaw sabiex jkunu parti minn dan il-Kunsill filwaqt li anki genituri jistghu japplikaw sabiex jkunu *mentors* mat-tfal waqt il-laqghat.

## 4.12 Persuni bi bżonnijiet speċjali

Il-Kunsill ħa ħsieb illi jsiru numru ta' *parking bays* riservati għal persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll li l-bajjiet u l-bankini l-ġodda jkunu aċċessibli. B'kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet, l-Kunsill Lokali San Giljan ra ukoll li jiġi nstallat appart sabiex ċertu zoni t'ghawn ikunu aktar aċċessibbli ghal-persuni bi bżonnijiet speċjali.

## 4.13 Planning Fund

Filwaqt li minn dan il-fond li issa sar fond għal-iżvillup, il-Kunsill għamel diġa użu minnhu sabiex sar tarmak ta'  ċertu toroq. Saret talba ukoll sabiex parti minn dan il-fond jintuża biex isir proġett flimkien mal-Club tal-Waterpolo. Il-Kunsill ghamel ftehiem sabiex dan il-fond ikun jista jintuża ukoll għal-Ġnien Saver Zarb.

### 4.14 Titjib fil-Playing Fields Eżistenti.

Wara diversi diskussjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet kif ukoll Awtoritajiet oħra, l-Kunsill ngħata l-approvazzjoni sabiex jiżdid it-terminu tal-konċessjoni tal-Kumpless Dun Anton Sciberras. Matul is-sena kien hemm diversi nterventi ta' manutenzzjoni fil-playing field eżistenti ta' hdejn il-Kumpless Dun Anton Sciberras. Il-Kunsill ghaddej bil-process biex jinhareg tender sabiex jiġi rranġat dan il-*playing field.* Il-Kunsill ghaddej ukoll bix-xoghol biex jiġi rrangat Ġnien Saver Zarb kif ukoll il-playing field ta' hdejh.

## 5 Proġetti

5.1 Kunsill ghaddej ukoll bix-xoghol biex jiġi rrangat Ġnien Saver Zarb kif ukoll il-playing field ta' hdejh.

5.2 Beda l-proċess sabiex isir proġett ta' tisbieh fuq ic-cnut u t-turgien fl-area f'Ta' Giorni;

5.3 Beda l-process ta' tibdil tal-hadid tal-promenade kif ukoll manutenzjoni ta' cnut tal-promenade;

## 6 Street Lighting

Permezz tad-delega ta' sallazzjonijiet ta' tidwil tat-toroq lill-Kunsilli Lokali, il-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq – dawk li huma *wall hung* u *central hanging.* Bozzoz fuq arbli tal-ħadid u li magħhom hemm għaddejjin l-'aerial cables' ta' l-Enemalta għadhom jaqgħu taħt ir-responsabilita' ta' l-Enemalta.

## *7* Attivitajiet Kulturali u Soċjali

**7.1** Din is-sena saru diversi attivitajiet ghar-residenti tal-lokalita' fosthom:

- Servizz li qed jingħata biex il-Millennium Chapel tinżamm nadifa minħabba li din qed tintuża bħala '*Day centre'*;
- Għal sena oħra l-Kunsill ipparteċipa b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex ir-residenti ingħataw it-tilqima kontra l-influwenza. Dan is-servizz ingħata bla ħlas mill-uffiċċju tal-Kunsill;
- Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli kienet qegħda tagħmel *blood tests* ġewwa l-Kunsill Lokali;
- Il-Kunsill offra s-servizz ta' '*Mini Van/Bus Service*' fix-xhur tas-Sajf ;

- Il-Kunsill organizza Coffee Morning bit-tombla fl-okkazzjoni ta' Jum il-Mara nhar il-it-Tnejn 10 ta' Marzu 2024, fejn il-perusni prezenti nghataw tifkira zghira ta' din l-attivita;

- Saret harga fl-okkazzjoni ta' Jum San Giljan nhar is-Sibt 5 t'April 2025 fejn saret zjara is-Shoreline Smart City, wara Quddies fil-Kappella ta' San Giljan l-Isla u wara Ikla ghand tal-Barklor, l-Isla;

- Gie organizzat transport ghal min kien interessat li jattendi ghal-Fest ta' San Girgor gewwa Zejtun u Marsaxlokk ;

- Saret Harga Kulturali fid-9 ta' Dicembru 2024 ghar-residenti tal-lokalita fejn saret zjara lill-Muzew Maritimu kif ukoll ghal Forti Sant'Iermu gewwa l-Birgu ;

- Fis-27 ta' Dicembru 2024 giet organizzata gurnata Ghawdex fejn sare zjara f'Ta' Pinu, id-Dar ta' Karmni Grima kif ukoll f'Betlehem f'Ghajnsielem ;

- Fil-15 ta' Dicembru 2024 giet organizzata ghal-ewwel darba Milied f'San Giljan gewwa d-Dahal tat-Tigulio. Din kienet attivita ta' *Christmas Market* ta' gurnata shiha bis-sehem ta' diversi kantanti u *stands* b'diversi affarijiet ghal-bejgh ;

- Il-Kunsill Lokali bis-sehem ta' San Giljan Water Polo Club organizza charity swim nhar il-Hadd 29 ta' Dicembru 2024 fejn ngabret is-somma sabiha ta' €1700 li nghatat lil Embrace Diversity Organisation.

### 7.4 Festa San Patrizju

Matul is-sena 2024 il-festa ta' San Patrizju, saret it-Tnejn 17 ta' Dicembru fejn il-Kunsill ta' li jkun hemm vetturi tal-ewwel ghajnuna, Pulizija u LESA sabiex jikkontrollaw il-folla tan-nies.

## 8 Laqgħat

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat kemm ma' Ministri, Segretarji Parlamentari, Dipartimenti, Awtoritajiet u diversi għaqdiet kif ukoll mal-Pulizija fejn il-Kunsill ressaq proposti diversi lmenti u suġġerimenti għall-ġid tal-lokalita'.

Wieħed jrid jsemmi li jkollna kollaborazzjoni sħiħa mid-Direttur tal-Cleansing Services Directorate fuq diversi *issues* fosthom it-tindif ta' parti minn Paceville, tindif tal-promenade, kif ukoll problemi ta' abbuż fir-rimi ta' skart.

Il-Kunsill iltaqa diversi drabil mall-GRTU fuq diversi issues.

## Konklużjoni

Kif wieħed jara minn dan ir-rapport, jinnota l-impenn u r-responsabbilta' li għandu l-Kunsill lejn ir-resident u ċ-ċittadin. Mhux dejjem ikun possibli li nwettqu dak li nixtiequ, aktar minn xejn minħabba limitazzjonijiet finanzjari, imma nipprovaw bil-limitazzjonijiet nwettqu dak kollhu li huwa ta' ġid għal-lokalita tagħna.

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku u lill-Kunsilliera kollha. Kemm dawk li spiċċaw kif ukoll dawk li qed isservu bħallissa, li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f'kull aspett sabiex seta’ jsir dan ix-xogħol fil-lokalita'.

Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lill-iskrivani tal-Kunsill li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jitwettqu l-*policies* tal-Kunsill.

Ringrazzjament ukoll immur għal ħafna mill-kuntratturi tal-Kunsill u ħaddiema oħra ll jgħatu servizz ta’ livell tajjeb. Fl-aħħarnett nirringrazzjaw lir-residenti li ta’ kulljum jgħatu il-koperrazzjoni tagħhom sabiex il-Kunsill ikun f’posizzjoni li jewttaq ħidmitu.

Malcolm Agius Muscat
Agent Segretarju Ezekuttiv

# Annex I

## Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tad-Disa’ Leġislatura mill-1 ta’ Jannar 2024 sat-30 ta’ Dicembru 2025**

## Attendenza tal-Kunsillieri

**Attendenza tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**P = Preżenti** **A = Assenti** **S = Skużat**

**Sena :- 1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta’ Dicembru 2025**

| Data | 16/01/2024 | 20/02/2024 | 25/03/2024 | 01/04/2024 | 22/04/2024 | 21/05/2024 | 11/06/2024 | 20/06/2024 | 20/06/2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Guido Dalli | P | P | P | P | P | P | P | P | P |
| Clayton Luke Mula | P | P | S | S | P | S | S | S | S |
| Adrian Dominic Ellul | S | S | P | S | S | P | P | P | P |
| Martin John Sultana | P | P | S | P | S | P | P | S | S |
| Patricia Camilleri | S | P | P | S | P | P | P | P | P |
| John Agius | P | P | P | P | P | S | P | P | P |
| Rita Dimech Portelli | S | P | S | P | S | P | P | P | P |
| Sean Gauci | P | P | P | P | P | P | P | P | P |
| Victor Vella | P | P | P | P | P | P | P | P | P |
| | | | | | | | | | |
| Segretarju Eżekuttiv | P | P | P | P | P | P | P | P | P |
| Rif. ta' Minuti | 63 | 64 | 65 | 66 | 67 | 68 | 69 | 70 | 71 |
| | | | | | | | | | |

## Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mis-servizzi ta' :-

| Tip ta' servizz | Isem / Kumpanija | Rimarki |
|---|---|---|
| **Contracts Manager** | Bezzina Architects | Sorveljanza fuq kuntratti u xogħolijiet approvati mill-Kunsill |
| **Avukat** | Dr. Stefano Filletti | Affarijiet legali |
| **Perit** | Bezzina Architects | Rigward il-proġetti |
| **Accountant** | Mr Daniel Galea | Servizz professjonali ta' Accountancy |
| **Cleaner** | Crystal Clean | Servizz ta' tindif ta' l-uffiċċju amministrattiv |
| **Ġbir ta' Skart Domestiku** | Galea Cleaning Solutions | Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku |
| **Ġbir ta' Skart Goff** | Simply Clean | Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff |
| **Tindif ta' Toroq** | Galea Cleanning Solutions | Servizz ta' Tindif ta' Toroq |
| **Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi** | Sur Sandro Caruana | Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi |
| **Tiswija u Manutenzjoni Tat-Toroq** | L.K. Ltd. | Servizz ta' Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq |
| **Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq** | Fix All | Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq |
| **Live Streaming** | Infinite Fusion Technologies Ltd | Online Streaming tal-Laqgħat |
| **Tiżjin tad-Dawl tal-Milied** | D Street Lighting | Għarmar u Tizjin tad-dawl tal-Milied |

## Polza ta’ Assikurazzjoni

Il-Kunsill għandu polza ta’ assikurazzjoni skond kif mitlub f’Att XV ta’ l-1993 dwar Kunsilli Lokali – A.L. 155 ta’ 1993 taqsima XI.

## 3.1 Il-Ħidma u l-Finanzi tal-Kunsill

Rapport tax-xogħolijiet li saru matul is-sena **2024:-**

### 1. Ġbir ta’ Skart Domestiku

Dan sar ta' kuljum fuq bażi regolari u s-servizz kien sodisfaċenti.

### 2. Ġbir ta' Skart Goff

Dan is-servizz ta’ Ġbir ta’ Skart Goff sar tlett darbiet fil-ġimgħa minn wara l-bieb tal-persuna kkonċernata. F' każijiet fejn nies li m' humiex konxji ta' l-ambjent u tefgħu skart goff bħal ma huma *cookers, fridges,* saqqijiet ecc f' xi inħawi l-Kunsill ħa azzjoni mmedjata biex dan jiġi mneħħi.

Il-ħlas ta' dan is-servizz sar mill-Kunsill Lokali.

### 3. Tindif tat-Toroq

Għal darb' oħra l-Kunsill ħa ħsieb li l-lokalita` tinżamm fi stat nadif. Dan is-servizz kien wieħed sodisfaċċenti.

### 4. Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi

Dawn infetħu kuljum fuq bażi regolari u s-servizz kien wieħed sodisfaċenti.

### 5. Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq

Dawn ix-xogħolijiet saru minn kuntrattur privat fuq approvazzjoni tal-kunsill u għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

### 6. Tindif u Manutenzjoni tax-Xtut u Bajja

Mill-1 t’Ottubru 1997 il-Kunsill ma baqax iħallas għal dan is-servizz iżda x-xogħol xorta baqa’ jsir minn impjegati tal-Gvern Ċentrali li ġew assenjati mal-Kunsill. Dawn il-ħaddiema baqgħu jirċievu l-pagi jew salarji bażiċi tagħhom mill-Ministeru tat-Turiżmu.

## 7. Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq

Dawn ix-xogħolijiet saru minn kuntrattur privat għas-sodisfazzjon tal-kunsill.

## 8. Tindif u Manutenzjoni tal-Gonna Pubblici

It-tindif u l-manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi sar fuq bażi regolari skond il-kuntratt.

Malcolm Agius Muscat
Agent Segretarju Ezekuttiv